

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-127 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 31.1.2018–1.2.2018

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — Il-futur tal-programm COSME wara l-2020: il-perspettiva reġjonali u lokali

(2018/C 176/04)

Relatur: Robert Sorin Negoită (RO/PSE), Sindku tad-Distrett 3 tal-Muniċipalità ta' Bucharest

RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

1. jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura qafas prevedibbli u stabbli ta' appoġġ għall-SMEs wara l-2020 billi toħloq programm suċċessur imġedded u msaħħaħ tal-COSME li jikkunsidra l-ħtiġijiet tat-tipi differenti ta' SMEs fit-territorji differenti tal-UE;
2. josserva li hemm nuqqas ta' għarfien, kemm fost in-negozji kif ukoll l-intermedjarji finanzjarji f'bosta territorji tal-UE, dwar l-istrumenti finanzjarji disponibbli taħt il-programm COSME; għalhekk, jissuġġerixxi li jissaħħu l-azzjonijiet marbutin mal-informazzjoni u t-tixrid dwar l-istrumenti disponibbli li jkunu intiżi għat-territorji tal-UE kollha;
3. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu ddedikati riżorsi biżżejjed biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzi għall-usa' firxa possibbli ta' intrapriżi żgħar fit-territorji differenti; huwa tal-fehma li l-promozzjoni tas-sħubijiet pubbliċi-privati bejn l-intermedjarji finanzjarji u l-atturi reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni konġunta ta' strumenti finanzjarji mmirati, li jikkomplementaw l-istrumenti eżistenti ta' fondi ta' garanzzja u ta' ekwità, tista' tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-ħolqien ta' tkabbir sostenibbli u impjieġ;
4. ifaħħar l-inizjattiva tan-Netzwerk Enterprise Europe (EEN) u jappoġġja bil-qawwa t-tkomplija, l-estensjoni u l-aġġornament tiegħu taħt kwalunkwe suċċessur COSME; josserva li l-EEN mhuwiex mifrux u viżibbli biżżejjed, b'mod partikolari f'ċerti pajjiżi, reġjuni rurali u remoti, u żoni b'densità tal-popolazzjoni li tkun iktar baxxa; għalhekk, jissuġġerixxi li n-netwerk tal-punti ta' kuntatt tal-EEN jiġi estiż sabiex tiġi żgurata l-usa' kopertura territorjali possibbli;
5. jissuġġerixxi li l-għanijiet bħall-promozzjoni tal-intraprenditorija fis-setturi kollha u f'tipi differenti ta' territorji, inklużi r-reġjuni inqas żviluppati u dawk periferiċi u ż-żoni suburbani, kif ukoll it-tisħiħ ta' ekosistemi intraprenditorjali reġjonali billi jiġi appoġġjat l-immappjar tal-ekosistemi u permezz tal-konnessjoni tar-reġjuni aktar avvanzati ma' dawk li għadhom qed ilaħħqu, jingħataw prijorità taħt kwalunkwe programm suċċessur COSME;
6. huwa tal-fehma li t-trasparenza u s-sinerġiji bejn l-istrumenti differenti tal-UE li jappoġġjaw l-SMEs jeħtieġ li jittejbu fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiddelimita b'mod ċar il-funzjoni u l-iskop ta' kull strument li jappoġġja l-SMEs u l-intraprendituri, sabiex jiġi evitat li jinħolqu strutturi paralleli, u jiġi żgurat li l-benefiċjarji u l-intermedjarji finanzjarji jkunu jistgħu jaċċessaw b'mod faċli l-informazzjoni dwar il-firxa kollha tal-istrumenti disponibbli;

7. huwa tal-fehma li, peress li d-domanda mistennija għall-Istrument ta' Garanzija tas-Self tal-COSME hija tant kbira li anke ż-żidiet previsti għall-Faċilità ta' Garanzija tas-Self fil-qafas tal-FEIS 2.0 jistgħu ma jkunux biżżejjed, għandu jiġi kkunsidrat l-għoti ta' riżorsi addizzjonali għall-programm COSME ⁽¹⁾;
8. huwa tal-fehma li għandu jsir rieżami tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji. Il-livell attwali tat-taxxa minima kif stabbilit fl-Avviż huwa fil-fatt pjuttost għoli meta mqabbel mar-rati tal-imgħax kurrenti fuq is-self;
9. jissuġġerixxi li l-istrumenti finanzjarji li jipprovdu protezzjoni parzjali tar-riskju tal-kreditu maħruġa taħt COSME LGF għandhom jipprovdu sa 80 % protezzjoni tar-riskju tal-kreditu. Mingħajr il-garanzija, ħafna drabi l-proġetti ma jiġux segwiti minn SMEs, li jirriżulta f'sitwazzjoni ta' investiment subottimali. Il-garanziji huma mfassla biex jirrispondu b'mod xieraq għal mudelli ta' negozju tal-SMEs, li jippermettullhom jikbru fuq bażi sostenibbli fit-tul;
10. jemmen li jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-finanzjament taħt il-programm COSME jista' jiġi kkombinat ma' fondi oħra tal-UE;
11. huwa tal-fehma li l-livell limitu, stabbilit għal ammont misluf ta' EUR 150 000, li lil hinn minnu għandu jiġi vverifikat jekk l-intrapriżi jkunux eliġibbli għal fondi taħt il-programm Orizzont 2020, għandu jiżdied għal EUR 500 000. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jitnaqqas it-tul minimu ta' sena tal-maturità tas-self, u l-maturità massima għandha tiżdied għal aktar minn 10 snin;
12. jirrikonoxxi li, f'dak li jikkonċerna l-intraprendituri fis-setturi li qed jikbru li għandhom bżonn ta' kapital ta' riskju iżda jixtiequ jżommu l-kontroll tal-kumpaniji tagħhom, ġie enfasizzat li l-investituri informali (business angels) ma jistgħux ikunu soluzzjoni, u li għaldaqstant jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li jissaħħu forum oħra ta' finanzjament ta' riskju, bħall-finanzjament intermedju;
13. huwa tal-fehma li l-appoġġ tal-programm COSME lill-intermedjarji finanzjarji privati permezz tal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jista' jkun ikkomplementat minn appoġġ mogħti permezz tal-fondi reġjonali ta' investiment, ġestiti minn awtoritajiet reġjonali jew aġenziji ta' żvilupp reġjonali. Għadd ta' reġjuni jistgħu jingħaqdu flimkien biex jistabbilixxu fondi ta' investiment konġunti;
14. huwa tal-fehma li jinħtieġu koordinazzjoni effettiva bejn il-programmi lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, u regoli uniformi marbuta mad-dinja tan-negozju fl-Istati Membri sabiex tiġi appoġġjata d-dinja tan-negozju;
15. jemmen li għandu jkun hemm iżjed enfasi fuq il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iħeġġu l-intraprenditorija u n-negozji l-ġodda tal-SMEs u li l-miżuri għandhom jittieħdu biex jissaħħaħ ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-appoġġ lid-dinja tan-negozju u l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati;

L-appoġġ għall-SMEs u l-intraprendituri wara l-2020

16. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-SMEs, in-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu huma l-ixpruni ewlenin tal-Ewropa għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi u jiġġeneraw impjieġ stabbli u lokali, u b'hekk jissaħħaħ it-tessut soċjali u ekonomiku fit-territorji tagħhom;
17. jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-ekosistemi tan-negozju Ewropew billi jiġi provdut appoġġ immirat lill-SMEs, in-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu bħala parti minn politika Ewropea tal-SMEs koerenti, effiċjenti u orjentata lejn ir-riżultati;
18. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li dan il-qafas ta' appoġġ ikun ikkomplementat minn mekkaniżmu li jiżgura li l-prinċipji tal-governanza f'diversi livelli u b'diversi atturi jiġu integrati fil-politiki tal-UE dwar l-SMEs; għalhekk, itenni t-talba tiegħu, li għamel fl-Opinjoni tiegħu dwar Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs ⁽²⁾, biex, formalment u sistematikament, ir-rappreżentanti reġjonali u lokali tal-SMEs jiġu inklużi fin-netwerk tar-Rappreżentanti tal-SMEs, li jaġixxi bħala l-istrument ewleni ta' governanza tal-politika tal-UE dwar l-SMEs;

⁽¹⁾ Ara, pereżempju, Ewa Chomowicz: *EU budget post-Brexit. Confronting reality, exploring viable solutions*. Brussell, European Policy Centre [verżjoni onlajn], p. 5-6 u 25-26, Marzu 2017; Jörg Haas & Eulalia Rubio: *Brexit and the EU budget. Threat or opportunity?* Berlin, Delors Institute, p. 8-18, Jannar 2017.

⁽²⁾ Opinjoni tal-KtR dwar *Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs* (relatur: Christian Buchmann (AT/PPE), ECON-VI/020), punt 8.

Aċċess għall-finanzjament

19. jenfasizza li l-iżjed parti sinifikanti tal-baġit tal-COSME hija ddedikata għall-iffaċilitar tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament; huwa tal-fehma li kwalunkwe programm futur intiż bħala appoġġ għall-SMEs għandu jkompli jfittex li jilħaq l-għan li jnaqqas id-distakk fil-finanzjament tal-SMEs;

20. jitlob, madankollu, li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li kwalunkwe programm suċċessur COSME jindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-ispettru sħiħ tal-SMEs fit-territorji differenti tal-UE, inklużi l-SMEs tradizzjonali, l-awtointraprendituri, il-mikrointrapriżi u negozji ġodda b'rata għolja ta' tkabbir u negozji li qed jespandu;

21. jemmen li kwalunkwe programm suċċessur COSME għandu jqis il-kuntest attwali ta' wara l-kriżi, li fih il-ħolqien tal-impjiegi għadu lura meta mqabbel mal-irkupru tal-PGD, u għandu jagħti attenzjoni partikolari biex jappoġġja l-ħolqien tal-impjiegi fl-SMEs u l-mikrointrapriżi;

22. jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi biex jitħaffef l-aċċess għall-finanzjament għall-usa' firxa possibbli ta' negozji li jinsabu f'territorji differenti, inklużi l-SMEs tradizzjonali, il-mikrointrapriżi, il-koperattivi u l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, u matul l-istadij differenti tal-iżvilupp tan-negozju;

23. josserva li bosta intraprendituri potenzjali m'għandhomx l-informazzjoni u l-ħiliet bażiċi tan-negozju li għandhom bżonn biex jistabbilixxu l-kumpanija tagħhom; jissuġġerixxi li dawn l-intraprendituri potenzjali jiġu appoġġjati minn offerti ta' appoġġ fi stadju bikri li jipprovdu taħriġ immirat "à la carte" qabel ma jniedu n-negozju tagħhom;

24. itenni s-suġġeriment tiegħu, li għamel fl-Opinjoni tiegħu dwar *Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs* ⁽³⁾, li tinholq skema Ewropea "Take One" li tinkoraġġixxi r-reklutaġġ tal-ewwel impjegat minn intraprenditur waħdu jew minn mikrointrapriża, permezz ta' inċentivi finanzjarji u regoli flessibbli, li tista' tkun iffinanzjata permezz tal-programm COSME;

25. josserva li l-Faċilità ta' Garanzija tas-Self għadha strument essenzjali biex tgħin lill-SMEs ikollhom aċċess għall-finanzi; jitlob li l-istrument ta' garanzija taħt programm suċċessur COSME jkollu r-riżorsi adegwati biex jindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-SMEs; huwa tal-fehma li strument bħal dan ma għandux jinkludi restrizzjonijiet iżda jibqa' miftuħ għal tipi differenti ta' kumpaniji; jemmen li t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet ta' garanzija u l-inklużjoni tagħhom fil-katini tas-self jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament; għalhekk, jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet ta' garanzija jiġu inklużi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' garanzija taħt kwalunkwe programm suċċessur COSME;

26. josserva li l-kapital ta' riskju u forom oħra ta' finanzjament ta' riskju għandhom it-tendenza li jiġu investiti prinċipalment f'żoni kbar urbani u metropolitani, u li l-għadd limitat ta' intermedjarji finanzjarji li bħalissa qed joperaw taħt il-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir taħt COSME u l-fokus settorjali ristrett tagħhom jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għan-negozji fil-fażijiet tal-bidu u t-tkabbir milli jaċċessaw il-finanzjament taħt il-Faċilità ta' Ekwità għat-Tkabbir;

27. għalhekk jissuġġerixxi li jiġi eżaminat kif l-approċċ attwali, li huwa xprunat purament mid-domanda, jista' jkun ikkomplementat permezz ta' strument ta' kapital ta' riskju bbażat fuq il-ġestjoni kondiviża tar-riżorsi, li potenzjalment ilaqqaq flimkien l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-aġenziji tal-iżvilupp u l-banek taħt programm suċċessur COSME, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà iżjed bilanċjata tal-kapital ta' riskju fit-territorji kollha tal-UE;

28. huwa tal-fehma li forom alternattivi ta' finanzjament, bħall-crowdfunding, il-crowd-investing u l-peer-lending, jistgħu jkunu għodod utli biex itejbu l-aċċess għall-finanzjament u jappoġġjaw negozji innovattivi; jissuġġerixxi li kwalunkwe programm suċċessur COSME joħloq qafas ċar għall-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji permezz ta' finanzjament alternattiv;

29. jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp ta' esperti dwar finanzjament alternattiv, inklużi prattikanti mil-livell reġjonali u lokali, li joffru ispirazzjoni u gwida fl-istabbiliment ta' qafas bħal dan, u li jiżguraw li dan jindirizza l-ħtiġijiet differenti tal-intraprendituri, in-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu f'ekosistemi differenti tan-negozju fil-livell lokali u reġjonali;

⁽³⁾ Opinjoni tal-KtR dwar *Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs* (relatur: Christian Buchmann (AT/PPE), ECON-VI/020), punt 48.

Aċċess għas-swieq

30. huwa tal-fehma li l-azzjonijiet fil-livell tal-UE favur l-internalizzazzjoni tal-SMEs Ewropej jipprovdu u jeħtieġ li jipprovdu valur miżjud ġenwin għall-SMEs Ewropej li jixtiequ jespandu lil hinn mill-fruntieri; josserva li dawn l-azzjonijiet għandhom jikkomplementaw l-inizjattivi li jeżistu fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali sabiex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u tinholq sensiela ta' miżuri komprensivi u konsistenti;

31. f'dan ir-rigward, ifaħħar l-inizjattiva tan-Netwerk Enterprise Europe (EEN) kofinanzjata taħt il-programm COSME, li jipprovdi lill-SMEs Ewropej b'servizzi ta' konsulenza fil-qasam tal-espansjoni lil hinn mill-fruntieri nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE, kif ukoll li-iffaċilitar u l-iżvilupp tal-innovazzjoni, inkluż l-aċċess għall-finanzjament, u jappoġġja ferm it-tkomplija, l-estensjoni u l-aġġornament tiegħu taħt is-suċċessur tal-programmi attwali COSME, fil-kuntest tal-Brexit;

32. jenfasizza d-dimensjoni lokali u reġjonali b'saħħitha tal-punti ta' kuntatt tal-EEN, magħmula fil-biċċa l-kbira minn aġenziji ta' żvilupp reġjonali, aġenziji tal-intraprenditorija u l-innovazzjoni, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija fil-livell reġjonali, clusters u universitajiet, li huma integrati sew fir-realtà lokali u f'kuntatt mill-qrib mal-SMEs lokali;

33. josserva li l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu biex jgħinu lill-SMEs tagħhom jiffaċċjaw il-kompetizzjoni, jaċċessaw is-swieq barranin, u jsibu msieħba ġodda tan-negozju fi ħdan l-UE u lil hinn minnha;

34. jenfasizza li l-programm suċċessur COSME għandu jiżgura li l-EEN ser ikompli jkun marbut mill-qrib mal-ekosistemi intraprenditorjali fil-livell lokali u reġjonali u li tiġi stabbilita kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati lokali u reġjonali, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

Promozzjoni tal-ispirtu intraprenditorjali

35. ifaħħar il-ħolqien u r-riżultati tal-programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ ffinanzjat taħt il-programm COSME attwali, u jirrakkomanda t-tkomplija tiegħu taħt il-programm suċċessur;

36. jissuġġerixxi li l-konsulenti ddedikati għan-negozji li qed jespandu previsti fl-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu bħala parti mis-servizzi tal-EEN jiġu kkomplementati minn netwerk ta' promoturi reġjonali u lokali ta' negozji li qed jespandu, li jistgħu wkoll jiffurmaw il-bażi għal sħubijiet interreġjonali ta' negozji li qed jespandu li joffru servizzi ta' pariġġar (matchmaking services) u jrawmu kooperazzjoni interreġjonali u investimenti transkonfinali;

37. jissuġġerixxi li l-għoti mill-EEN ta' servizzi ta' konsulenza u ta' informazzjoni għandu jissaħħaħ fil-qasam tal-aċċess għall-akkwist pubbliku transkonfinali u opportunitajiet ta' trasferiment ta' negozju transkonfinali;

38. jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat biżżejjed appoġġ għall-SMEs fil-QFP li jmiss wara l-2020 permezz ta' tisħiħ tal-komplementarjetà u billi tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-SMEs pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea u l-BEI/FEI;

COSME fil-kuntest tal-programmi l-oħra tal-UE

39. josserva l-mezzi finanzjarji allokatati attwalment lill-COSME, li jikkorrispondu għal inqas minn 0,3 % tal-baġit tal-UE, ma jirriflettux ir-rwol kruċjali li jaqdu l-SMEs u l-intraprendituri fil-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi; jirrikonoxxi, madankollu, li l-linji ta' finanzjament li jappoġġjaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament jeżistu wkoll fi programmi oħra tal-UE;

40. Fid-dawl tal-baġit sostanzjali allokat għall-appoġġ lill-SMEs taħt l-Objettiv Tematiku 3 tal-FSIE: il-Kompetittività tal-SMEs, isostni li hija essenzjali l-koordinazzjoni bejn kwalunkwe programm suċċessur COSME u l-FSIE; sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar bejn dawn l-istrumenti, jirrakkomanda li jinholq grupp ta' tmexxija tal-SMEs li jinvolvi s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, kif ukoll lill-KtR bħala r-rappreżentanza istituzzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-livell Ewropew;

41. jissuġġerixxi li jiġu introdotti punti uniċi ta' kuntatt li jipprovdu informazzjoni u aċċess għall-istrumenti rilevanti kollha li huma disponibbli taħt il-fondi u l-programmi differenti tal-UE għall-SMEs u l-intraprendituri; huwa tal-fehma li EEN estiż u aġġornat jista' jwettaq din il-funzjoni fil-post;

42. jistieden lill-Kummissjoni tissemplifika kemm l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji mill-programmi individwali, kif ukoll l-ikkombinar tal-appoġġ mill-COSME jew programm suċċessur ma' riżorsi minn fondi u programmi oħra; jafferma mill-ġdid it-tħassib tiegħu, li esprima fl-Opinjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs ⁽⁴⁾, dwar l-ostakli li jinqalgħu minħabba rekwiżiti inkoeerenti u definizzjonijiet konfliġġenti fil-politiki settorjali tal-UE.

Brussell, il-31 ta' Jannar 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Regġuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KtR dwar *Regolamentazzjoni Intelliġenti għall-SMEs* (relatur: Christian Buchmann (AT/PPE), ECON-VI/020), punt 14.